24 ta' Novembru, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Dominic Mintoff, A. & C.E., B.E. & A., pr. et ne. et.**

***versus***

**Thomas Hedley ne.**

**Libell — Kwerela — Inġurja Kollettiva — "Fair Comment" — "Innuendo" — Komuniżmu — Art. 15 u 23 (1) tal-Kap. 117.**

*Kull min hu milqut b'inġurja kollettiva għandu azzjoni penali kontra l-awtur ta' l-inġurja.*

*Artikolu stampat f'ġurnal mhux inkriminabili sakemm ikun jikkonsisti f'apprezzament tal-politika tal-persuna li kisset rukha offiża b'dik il-kitba u f'opinjoni dwar dik il-politika, u ma jkunx oltrepassa l-limiti tal-komment ġust.*

*Imma jekk fil-korp ta' l-artikolu jkun hemm biss kommenti li fil-maġġuranza tagħhom jistgħu jissejħu "fair comment", tista' tkun libelluża l-intestatura u l-kjużura ta' l-artikolu, jekk ikun fiha "innuendo", ossija insinwazzjoni libelluża li ma tkunx ġustifikata, bħal ma tkun jekk tinsinwa li l-kwerelant huwa taħt l-influwenza ta' potenza barranija kommunista.*

*Meta l-kwerelat jiġi kundannat taħt l-art. 15 tal-Liġi ta' l-Istampa, il-Qorti għandha, fis-sentenza, u fuq talba tal-parti offiża, tordna, fil-gazzetta, f'karġa ta' wara, u mhux iżjed tard mit-tieni ħaġġa, il-publikazzjoni bla ħlas tas-sentenza nnifisha, jew sunt komprensiv tagħha, fl-ilsien tal-gazzetta. Dana l-ordni, però, għandu jingħata fl-istess sentenza, u mhux wara, avvolja t-talba ta' l-offiż għal dik il-publikazzjoni tkun saret waqt li l-Qorti kienet qiegħda taqra s-sentenza. Ordni għal dik il-publikazzjoni mogħti wara s-sentenza huwa irritu u null.*

Fuq l-akkuża kontra l-kwerelati talli l-kwerelat Thomas Hedley bħala editur tal-ġurnal "Times of Malta", u Victor Denaro bħala stampatur ta' l-istess ġurnal, fl-artikolu "The Long Arm" li jibda bil-kliem "Political Intransigence" u jis-

piċċa bil-kliem "irrevocably committed", li deher f'dak il-ġurnal fil-ħarġa numru 4831 bid-data tas-Sibt 10 ta' Marzu 1951, fil-paġina 6, fl-ewwel u t-tieni kolonna, stampat fil-Belt Valletta, u hemm u f'postijiet oħra ċirkolat, inġurjaw fl-aħħar tliet xhur ta' qabel il-kwerela, f'dawk il-postijiet, lill-kwerelanti, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-2 ta' Mejju 1951, iddikjarat inammissibili l-kwerela u l-analoga azzjoni in kwantu magħmula għan-nom u fl-interess tal-Malta Labour Party bħala persuna ġuridika separata u distinta mill-membri li jikkomponuha, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-"fair comment", u ddikjarat l-artikolu nkriminat libelluż, billi kien ispirat mill-"malice", u għalhekk ma setax ikun komment ġust, sabet lill-kwerelat Thomas Hedley bħala editur tat-"Times of Malta", u Victor Denaro bħala stampatur ta' l-istess ġurnal, l-ewwel wieħed billi kiteb, u t-tieni wieħed billi stampa, fl-imsemmi ġurnal, fil-ħarġa tiegħu numru 4831 bid-data tas-Sibt għaxra ta' Marzu 1951, fil-paġina sitta (6), l-artikolu ntitolat "Long Arm", ħatja talli bl-imsemmi artikolu nġurjaw gravement lill-kwerelanti bħala membri tal-Konferenza tal-Malta Labour Party; u minħabba l-kondotta tajba preċedenti tagħhom, u r-raġuni fis-sentenza, illiberat lill-kwerelati taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 23 tal-Liġijiet Kriminali, bl-ispejjeż kontra l-kwerelati; susegwentement l-istess Qorti ordnat il-publikazzjoni tas-sentenza skond l-art. 23 tal-Kap. 117 tal-Liġijiet;

Il-kwerelati appellaw minn dik is-sentenza quddiem dina l-Qorti;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża u semgħet l-avukati;

Il-Qorti tirrileva, qabel xejn, li l-kwerelanti, skond il-kwerela, eżerċitaw l-azzjoni sew personalment kemm fil-kwalità, il-wieħed ta' Leader tal-Malta Labour Party, u l-ieħor ta' membru ta' dak il-partit u President ta' l-Eżekuttiv ta' l-istess Partit. U l-Ewwel Qorti, fil-waqt li ċaħdet l-azzjoni in kwantu eżerċitata għan-nom u fl-interess tal-Partit, ammettiet l-azzjoni, kif jidher mill-kontest tas-sentenza, in kwantu l-inġurja kienet tolqot lill-kwerelanti personalment, għalkemm fis-sentenza l-Qorti żiedet il-kwalifika tal-kwerelati bħala membri tal-Konferenza tal-Malta Labour Party mingħajr ma din il-kwalifika tidher fil-kwerela;

L-artikolu nkriminat jirrigwarda l-Mintoffjani, il-kwerelant Mintoff, u l-partit Malta Labour Party immexxi minnu. Il-kwerelant Tabone huwa membru ta' dak il-Partit u President ta' l-Eżekuttiv tiegħu, u għalhekk wieħed mill-Mintoffjani mmexxijin mill-kwerelant l-ieħor Mintoff. Mill-kontest ta' l-artikolu jidher ċar li l-kwerelant Mintoff kien meħud b'mira, għax hemm fih wisq riferenzi diretti għalih, in kwantu huwa jinsab immedeżimat mal-partit fuq imsemmi; tant li ismu fl-artikolu jissemma kontinwament in riferenza għas-segwaċi, għall-estremiżmu fil-politika, u għall-programm elettorali tal-partit. Kwantu għall-kwerelant Tabone, dana direttament fl-artikolu mhux imsemmi; iżda in kwantu huwa mintoffjan, membru tal-partit li tiegħu huwa leader il-kwerelant Mintoff, anzi President ta' l-Eżekuttiv ta' dak il-partit, u għalhekk għandu karika ta' responsabilità amministrativa f'dak il-partit, huwa wkoll jinsab milqut u ġie meħud b'mira f'dak l-artikolu; għax jekk fl-artikolu jingħad xi ħaġa nġurjuża kontra l-mintoffjani u l-partit tagħhom, bħala wieħed minnhom, u aktar u aktar bħala wieħed li fl-amministrazzjoni tal-partit għandu karika għolja u ta' responsabilità, bilfors jirriżenti mill-inġurja, għax tolqtu wkoll personalment;

A propożitu ta' partiti politiċi, it-Tribunal ta' Padova, f'sentenza tas-26 ta' Marzu 1948, in re "Strazzarpa", iddeċieda li "quando la diffamazione colpisca non soltanto l'ente astratto, ma anche gli individui che lo compongono, lo rappresentano e lo amministrano, il reato può sussistere in relazione a tali persone fisiche, che avranno diritto di sporgere querela in nome proprio e per conto proprio" (Giurisprudenza Italiana 1948, II, 315). U dina l-Qorti stess kellha okkażjoni tirrileva li fil-ġurisprudenza tagħha ġie stabbilit li kull min hu milqut b'inġurja kollettiva għandu azzjoni penali kontra l-awtur (ara sentenza ta' dil-Qorti tas-26 ta' Ottubru 1929 in re "Borg vs. Gatt", tat-30 ta' Ġunju 1950 in re "Pulizija vs. Domenico Minoff", u tat-23 ta' Ġunju 1951 in re "Mintoff vs. Zammit"). Dan huwa wkoll konformi għall-ġurisprudenza Ingliża. U tabilħaqq, l-Odgers, fuq l-awtoritajiet minnu msemmija, jgħid testwalment :— "Where the words reflect on each and every member of a certain number or class, each or all can sue" (Libel and Slander, p. 124);

Fuq il-meritu ta' l-artikolu nkriminat il-Qorti tirrileva li dana jikkonsisti prinċipalment f'apprezzamenti, paraguni u kommenti, fuq il-politika u l-programm elettorali tal-kwerelant Mintoff, tal-Malta Labour Party immexxi minnu, u tal-Mintoffjani. Il-Qorti sejra tittratta l-ewwelnett fuq dak li fih l-artikolu, salvo li mbagħad tittratta fuq it-titolu tiegħu in relazzjoni ma' l-artikolu stess;

Fl-ewwel paragrafu ta' l-artikolu l-Mintoffjani taħt Mr. Mintoff huma akkużati li huma politikament intransiġenti. "Political intransigence by the Mintoffians under Mr. Mintoff is underlined by contempt of and impatience with all opposing points of view. Above all, there is disdain for any moderate view-point and for any course of negotiation and compromise". Dana m'huwiex ħlief apprezzament tal-politika tal-kwerelant Mintoff u l-Mintoffjani; u li huwa sempliċi apprezzament u opinjoni jidher mill-kumplament tad-diskors, fejn jingħad :— "This is supported by the fact that Mr. Mintoff still insists he was right in not withdrawing the ultimatum to His Majesty's Government two years ago........... etc." Għaldaqstant, f'dak il-kliem il-Qorti ma tarax ħlief kritika tal-politika tal-kwerelanti msemmija f'dak l-istess paragrafu u konfermata fil-librett "Malta First and Foremost" fil-paġini 15 u 16. F'dik il-kritika l-Qorti ma tara xejn libelluż, għax dak li jingħad hemm ma joltrepassax il-limiti ta' "fair comment". U lanqas l-attribuzzjoni ta' estremiżmu lil dik il-politika ma hi libelluża, għax mhijiex ħlief apprezzament kritiku ta' l-artikolista preżentat lill-qarrejja sempliċement bħala tali;

L-artikolu jkompli billi jirrileva dak li huwa jsejjaħ xebħ bejn il-programm elettorali mintoffjan u l-programm tal-politika tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Komunista Britanniku, u jipproponi paragun bejn iż-żewġ programmi rigward ċerti materji, i.e. ġurnaliżmu, broadcasting, u servizz militari. Fuq il-ġurnaliżmu jgħid :— "The British Communist Party programme (P. 17, para. 2 & 3) says :— 'The millionaire-owned newspapers will be taken over and placed at the disposal of working class and democratic organisations, so that the policy expressed in these journals is that of the working people, and their influence can strengthen the determination of the people to carry through the decisive changes in the social

order'." U aktar 'l isfel jissokta jgħid:— "The Mintoffian electoral programme (p. 14, para. nos. 8 and 9 of the booklet issued by the Malta Labour Party) had stated: — (8) legislation to place the onus of divulging news to the public on local and officially recognised organisations in lieu of irresponsible anti-national individuals". Li effettivament fiż-żewġ programmi jingħad rispettivament dak li ġie riportat jirriżulta mill-kopji tal-programmi eżibiti fil-proċess. Ċertament ma jistax jingħad li fiż-żewġ programmi huma ripetuti l-istess ħwejjeġ, l-istess proposti; iżda b'dana kollu huwa ċar li hemm ċertu xebh bejniethom; u l-fatt li dak ix-xebh seta' kien sempliċement aċċidentali, b'mera "coincidence", ma jneħħix il-fatt pożitiv tax-xebh. L-artikolista ġiebhom u qegħedhom quddiem il-qarrejja, għamel il-paragun, u dded uċa li kien hemm ix-xebh, u wera ċar li dak li kien qed igħid kien qiegħed igħidu bħala deduzzjoni u inferenza ta' dak il-paragun, b'mod li min jaqra jinduna li d-deduzzjoni mhijiex ħlief komment li wieħed jista' jaqbel miegħu inkella le, u għalhekk il-qarrejja kienu mqiegħedha fil-pożizzjoni li huma wkoll jiġġudikaw u jiffurmaw l-opinjoni tagħhom;

Fuq il-"broadcasting" l-artikolista qal li hemm xebh bejn il-programm kommunista britanniku u l-programm mintoffjan, billi ġieb dak li qal il-wieħed u biċċa minn dak li qal l-ieħor. U tabilħaqq, ingħad li fil-programm kommunista hemm:— "The B.B.C. will be similarly transformed into an instrument expressing the interest of the people in every aspect of its work..................." U fil-programm mintoffjan hemm:— "(9) the setting up of a public corporation to run a nationalised Relay Broadcasting Service.........." Hawnhekk ix-xebh mhux kbir; iżda ċertu xebh hemm, għax it-trasformazzjoni tal-"Broadcasting Service" f'"Public Corporation" nazzjonalizzata tinduċi kontroll governativ. Kien x'kien, l-artikolista, fl-istess ħin qal li hemm ix-xebh, qiegħed lill-qarrejja fil-pożizzjoni li jiġġudikaw huma wkoll jekk tassew kienx hemm xebh, u wera li meta semma x-xebh kien qiegħed jagħmel deduzzjoni u komment, u ma setax jiftihem xort'oħra. Il-fatt li d-deduzzjoni u l-komment setgħu kienu żbaljati ma jittrasformax dak id-diskors minn komment ġust għall-affermazzjoni libelluża, għax tibqa' tidher li hija l-es-

pressjoni ta' opinjoni fuq żewġ programmi, anki meta wieħed jikkunsidra li l-artikolista ma kompliex qal li fil-programm mintoffjan jingħad li riedet issir ukoll "Motor Vehicles Insurance Scheme"; għax din ta' l-aħħar ma talterax il-fatti. Għandu jiġi osservat li, kif darba kellu okkażjoni jgħid il-Lord Chief Justice Cockburn, "it is not to be expected that a public journalist will always be infallible" (Odgers, Libel and Slander, p. 162). L-istess awtur, fuq l-awtorità tal-ġurisprudenza Ingliża, jgħallem :— "But if he sets out the fact correctly, and then gives his inference, stating it as his inference from those facts, such inference will, as a rule, be deemed comment" (ibid. p. 166-167). Fil-fehma tal-Qorti, id-deduzzjoni li hemm ċertu xebh, għalkemm ix-xebh huwa aktarx ċkejken, hija deduzzjoni raġjonevoli, għalkemm wieħed jista' ma jaqbelx magħha; għax wieħed jibqa' fil-kamp ta' l-opinjoni, u l-opinjonijiet ivarjaw ħafna;

Kwantu għall-paragun li sar bejn dak li jingħad fil-programm elettorali tal-Mintoffjani dwar is-servizz militari u dak li jingħad fil-programm kommunista fuq imsemmi, il-Qorti ma tara ebda xebh. Iżda anki hawn l-artikolista fisser ċar x'iridu l-wieħed u l-ieħor; u għalhekk l-ingurja fil-komment titlef ħafna mill-forza tagħha. B'dana, però, ma jistax jingħad li hemm "fair comment" fuq dan il-pont;

B'dana kollu, meta wieħed jikkunsidra s-sens ta' l-artikolu fil-kumpless tiegħu kollu, u jikkunsidra l-intestatura u l-kjużura, wieħed jinduna li jekk fil-korp ta' l-artikolu ma hemmx ħlief kommenti li fil-maġġuranza jistgħu jissejħu "fair comment", fl-intestatura u l-kjużura ta' l-artikolu hemm "innuendo", ossija insinwazzjoni, li ċertament hija libelluża, u li mhix ġustifikata, la minn dak li ġa ntqal u lanqas mill-provi li saru. U tabilħaqq, l-artikolista jispiċċa biex igħid li hemm parallel bejn iż-żewġ programmi, u jikkorona l-artikolu bl-intestatura "The Long Arm". Dina l-frażi ma tiftiehemx mod ieħor f'dak l-artikolu ħlief fis-sens tal-frażi klassika "Longa Manus", jiġifieri ta' forza, jew potenza, li tilħaq u tikkontrolla mill-bogħod; u għalhekk fil-kontest ta' l-artikolu wieħed jifhem b'dik il-frażi insinwazzjoni li l-Mintoffjani u l-partit tagħhom, u għalhekk anki l-kwerelanti, hu-

*ma taħt l-influwenza, jew suġġetti* għall-influwenza ta' xi forza jew potenza barranija, li w'eħed għandu jifhem li hija kommunista in vista tad-diskors fuq il-kors parallel mal-partit kommunista. Fl-assenza ta' provi li jiġġustifikaw dik l-insinwazzjoni, u in vista tad-dikjarazzjoni li tidher fl-ewwel paragrafu tal-programm skond il-librett "Malta First and Foremost", dik l-insinwazzjoni ma għandha ebda ġustifikazzjoni, u għalhekk hija diffamatorja f'pajjiż kattoliku bħal Malta;

Fuq il-piena, il-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti illiberat *lill-kwerelat Denaro taħt id-dispożizzjoni ta'* l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali; għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tittrattah aħjar, għax anki sempliċi piena ta' ammonizzjoni hija piena, u għalhekk aktar gravuża mill-liberazzjoni kondizzjonali;

Fuq il-publikazzjoni tas-sentenza, il-Qorti tirrileva li din ġiet ordnata wara li l-Ewwel Qorti tat is-sentenza fejn iddikjarat il-kwerelati ħatjin u tathom il-benefiċċju ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, kif jirriżulta mill-verbal magħmul minn dik il-Qorti. L-art. 23 (1) tal-Kap. 117 tal-Liġijiet igħid li "*fil-każ ta' kundanna skond l-artikolu 15, il-Qorti għandha* fis-sentenza, fuq talba tal-parti offiża, tordna, fil-każ ta' gazzetta, illi fil-ħarġa tagħha ta' wara, u mhux iżjed tard mittieni waħda, tiġi publikata bla ħlas is-sentenza nnifisha jew sunt komprensiv tagħha fl-ilsien tal-gazzetta........................" Għaldaqstant l-ordni tal-publikazzjoni seta' jsir biss fis-sentenza stess, u mhux wara; għax wara s-sentenza l-Qorti tkun żvestiet ruħha mill-ġurisdizzjoni fuq il-kawża u ma tistax iżżid il-kundanni. Huwa veru li l-Ewwel Qorti innutat li l-*kwerelanti talbu l-ordni tal-publikazzjoni waqt il-qari* tassentenza; iżda dana ma jbiddelx il-fatt li l-ordni ġie mogħti wara li s-sentenza kienet ġiet mogħtija; u waqt il-qari tassentenza t-trattazzjoni tal-kawża kienet spiċċat, u ma setgħetx issir ebda talba mill-kwerelanti. Għalhekk dak l-ordni huwa irritu u null;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell tal-kwerelati fil-meritu u fuq l-applikazzjoni ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, u fuq dan, u fis-sens li ntqal f'din is-sentenza, *tikkonferma s-sentenza appellata; iżda tilqa' l-appell rigward* l-ordni tal-publikazzjoni tas-sentenza, billi tiddikjara irritu u null dak l-ordni: iżda tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jit-

ħallsu terz mill-kwerelanti u l-kumplament mill-kwerelati. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu għall-kwerelati. L-onorarju tad-difensuri jibqa' fissat 15s. kull wieħed kull seduta.